# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 1201/09JRM**

Avukat Dottor Ivan **SAMMUT**

Vs

**KUNSILL LOKALI ŻEJTUN**, Kunsill Lokali Għaxaq, Kunsill Lokali Gudja, Kunsill Lokali Marsaxlokk, Kunsill Lokali Paola, Kunsill Lokali Santa Luċija u Kunsill Lokali Tarxien u Kumitat Konġunt għall-Infurzar Grupp Ġ, ossija l-Kumitat Konġunt Żejtun, kif rappreżentat minn Joseph Attard bħala *Chairman*, John Bonavia bħala Segretarju u David Soler bħala Uffiċjal Awtorizzat u l-Avukat Dottor Joseph Mifsud, għal kull interess li jista' jkollu.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' Diċembru, 2009 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attur talab li l-Qorti (i) ssib li l-proċedura li permezz tagħha l-imħarrek Avukat Joseph Mifsud inħatar bħala prosekutur tat-Tribunal Lokali Żejtun mill-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Grupp Ġ għan-

nom tal-Kunsilli Lokali mħarrkin tikser id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 83(1) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi, applikabbli *ai termini* ta' l-artikolu 18 tar-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali[1]; (ii) issib ukoll jew alternattivament illi l-proċedura li permezz tagħha l-mħarrek Avukat Joseph Mifsud inħatar prosekutur tat-Tribunal Lokali Żejtun mill-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Grupp Ġ għan-nom tal-Kunsilli Lokali intimati saret b'qerq bi ħsara tad-drittijiet tal-attur, u għaldaqstant tiddikjaraha nulla u invalida fil-liġi; u (iii) ssib li l-atti ta' l-imħarkin fuq imsemmija, jew ta' min minnhom, ikkawżawlu preġudizzju u danni, tillikwida l-istess danni sofferti minnu u tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, sabiex iħallsuh id-danni kif likwidati. Talab wkoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2009[2] li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Avukat Mifsud fl-14 ta' Diċembru, 2009, li bih laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li jonqos fil-Qorti s-setgħa li tisma' u tqis il-kawża minħabba l-klawsola arbitrali li tagħmel mill-kuntratt impunjat; li tonqos fil-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża wkoll safejn din l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaliex għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur messu ħa l-passi l-oħrajn li tagħtih il-liġi biex jindirizza l-ilment tiegħu; li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex saret wara ż-żmien, għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-istess Kodiċi; u li, f'kull każ, l-azzjoni ma tiswiex għaliex deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli tal-Kunsilli Lokali (Offerti) ma jingħatax appell minnha[3]. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin l-oħrajn fit-18 ta' Jannar, 2010, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, l-Kumsilli Lokali mħarrka qalu li ma kinux il-leġittimi kontradditturi tal-istess azzjoni attriċi; li t-talbiet tal-attur saru qabel waqthom ladarba l-kuntratt attakkat jinsab sospiż sakemm jinqata' l-appell imressaq mill-attur innifsu quddiem il-Bord tal-Appelli msemmi; li, safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex tressqet wara ż-żmien mogħti fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku li jressaq din il-kawża billi ma jidhirx li kelu xi jedd legali li jingħata l-kuntratt hu. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

[1] A.L. 255 tal-2009 (L.S. 363.03)
[2] Paġ 56 u 57 tal-proċess
[3] Reg. 11(6) tal-A.L. 255 tal-2009

Rat in-Nota mressqa mill-attur fid-19 ta' Jannar, 2010[4] u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2010[5] li bih ħelset lill-intimati milli jibqgħu fil-kawża fuq talba ta' l-Avukati difensuri rispettivi tagħhom, għall-finijiet tal-Artikolu 199 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2010[6], li bih ordnat lir-Reġistratur jintaxxa d-drittijiet tal-avukati;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-22 ta' April, 2010[7] u d-dokument mehmuż magħha;

Rat li l-kawża reġgħet tqiegħdet għas-smigħ wara l-ħlas tad-drittijiet taxxati;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2010[8], li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kellha ssir it-trattazzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek Mifsud u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin l-oħrajn u tingħata sentenza dwarhom;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari u semgħet ix-xhieda relattiva;

Rat in-Nota mressqa mill-attur waqt is-smigħ tal-1 ta' Marzu, 2012[9], li biha ċeda l-atti tal-kawża safejn jirrigwarda lill-imħarrek Kumitat Konġunt għall-Infurzar Grupp Ġ, kif rappreżentat, imma żammhom sħaħ fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

---

[4] Paġ 75 sa 89 tal-proċess
[5] Paġ 91 tal-proċess
[6] Paġ. 93 tal-proċes
[7] Paġ 95 u 96 tal-proċess
[8] Paġ. 97 tal-proċess
[9] Paġ. 139 tal-proċess

Illi din hi kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju marbut mal-ħruġ u l-għoti ta' kuntratt għal servizzi legali lil għadd ta' Kunsilli Lokali f'reġjun partikolari f'Malta. L-attur irid li l-Qorti ssib li l-aġir tal-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Grupp Ġ għan-nom tal-Kunsilli Lokali intimati, meta ħatar lill-imħarrek Mifsud bħala prosekutur tat-Tribunal Lokali Żejtun, kiser ir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi u li l-istess ħatra saret b'qerq u dan bi ħsara għalih. Jitlob li tali ħatra tiġi meqjusa bħala nulla u bla effett u li jiġi kumpensat għad-danni li ġarrab;

Illi l-imħarrek Mifsud laqa' għal din l-azzjoni billi ċaħad it-talbiet attriċi u qajjem kemm eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fost oħrajn, fis-sens li tonqos fil-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża wkoll safejn din l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaliex għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur messu ħa l-passi l-oħrajn li tagħtih il-liġi biex jindirizza l-ilment tiegħu, u li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex saret wara ż-żmien, għall-finijiet tal-artikolu 469A(3);

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin l-oħrajn laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet preliminari, fosthom li, safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex tressqet wara ż-żmien mogħti fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din is-sentenza ser tingħata dwar it-tliet eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li l-attur ċeda l-atti tal-kawża kontra l-Kumitat Konġunt imħarrek;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li fis-17 ta' April, 2008, il-Kumitat Konġunt Żejtun (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kumitat"), magħmul mill-Kunsilli Lokali mħarrkin, ħareġ sejħa għal servizz ta' prosekutur fit-Tribunal Lokali Żejtun għaż-żmien bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 u t-30 ta' Ġunju, 2010[10]. Bħala kwalifiki meħtieġa, l-offerent ried ikollu grad ta' Dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Malta, jkollu '*warrant*' biex jista' jaħdem ta' avukat u jkun ilu jipprattika ta' avukat ġol-Qrati tal-Ġustizzja għal minn tal-anqas ħames (5) snin[11];

Illi tlieta kienu l-offerenti li tefgħu l-offerta tagħhom għal din is-sejħa, fosthom l-attur u l-imħarrek Mifsud;

[10] Dok. "A" paġġ. 7 sa 33 tal-proċess
[11] *Ibid*. Klawsola 3.2 f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess

Illi waqt laqgħa tal-Kumitat fis-26 ta' Awwissu, 2008, ttiieħdet id-deċiżjoni li l-aħjar offerta mill-aspett finanzjarju kienet dik imressqa mill-imħarrek Mifsud. Mill-istess minuti ta' din il-laqgħa, jirriżulta li klawżola 3.2 fuq imsemmija kienet tneħħiet u li dan kien ġie mgħarraf lill-offerenti[12];

Illi fis-27 ta' Awwissu, 2008, il-Kumitat bagħat jgħarraf lill-attur li l-offerta tiegħu ma ġietx milqugħa[13], filwaqt li fl-istess jum il-Kumitat talab lill-imħarrek Mifsud biex jikkonferma x-xogħol tiegħu sal-aħħar ta' dak ix-xahar[14]. B'ittra tiegħu tat-28 ta' Awwissu, l-imħarrek Mifsud bagħat jgħarraf lill-Kumitat li kien ser jaċċetta l-ħatra tiegħu[15];

Illi fil-5 ta' Settembru, 2008[16], l-attur protest ġudizzjarju kontra l-Kumitat u kontra l-imħarrek Mifsud marbut mad-deċiżjoni tal-Kumitat tas-27 ta' Awwissu. Fid-9 ta' Settembru, 2008[17], l-attur ressaq appell mid-deċizjoni tal-Kumitat quddiem il-Bord ta' l-Appelli tal-Kunsilli Lokali (Offerti) għaliex qal li l-imħarrek Mifsud ma kienx jilħaq il-kwalifiki kollha mitluba fis-sejħa. Huwa talab it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Kumitat u li, minflok, il-ħatra tingħata lilu. Talab ukoll is-sospensjoni immedjata tan-nomina tal-imħarrek Mifsud skond l-artikolu 83(i) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi. Fl-istess jum, il-Kumitat bagħat jgħarraf lill-imħarrek li kien qiegħed jirtira minnufih l-istruzzjonijiet maħruġa minnu biex jaġixxi bħala prosekutur[18];

Illi f'xi żmien bejn Diċembru 2008 u Jannar 2009, l-imħarrek Mifsud intalab mill-Kumitat sabiex jagħti s-servizzi tiegħu minn xahar għal xahar[19], sakemm l-appell tal-attur jinqata';

Illi fit-18 ta' Novembru, 2009[20], l-attur ressaq protest ieħor kontra l-Kumitat u kontra l-imħarrek Mifsud marbut mal-għoti ta' servizz lill-Kumitat mill-istess Mifsud b'ordni diretta minn xahar għal xahar;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fis-7 ta' Dicembru, 2009, u sa dakinhar l-appell tiegħu quddiem il-Bord tal-Appell kien għadu qiegħed jinstema';

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin jirrigwardaw aspetti proċedurali li jolqtu l-azzjoni attriċi. Jekk kemm-il darba l-Qorti ssib li huma

[12] Dok. "IS8" f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "IS6" f'paġ. 46 tal-proċess
[13] Dok. "IS5" f'paġ. 45 tal-proċess
[14] Dok. "JM1" f'paġ. 103 tal-proċess
[15] Dok. "JM2" f'paġ. 104 tal-proċess
[16] Dok. "E" f'paġġ. 76 – 81 tal-proċess
[17] Dok. "B" f'paġġ. 34 – 6 tal-proċess
[18] Dok. "JM3" f'paġ. 105 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tal-imħarrek Mifsud f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess
[20] Dok. "F" f'paġġ. 82 – 6 tal-protest

eċċezzjonijiet tajba, ma jkunx hemm ħtieġa li tipproċedi aktar bl-istħarriġ tagħha;

Illi minkejja li fl-ebda biċċa mir-rikors promotur ma jissemma l-artikolu 469A, jidher ċar li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-ewwel li ser tiġi mistħarrġa hija l-eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' din il-kawża billi liġi oħra tagħti lill-attur ir-rimedju li qed jittanta jikseb f'din il-kawża. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna milquta mid-deċiżjoni amministrattiva naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[21];

Illi l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 16 huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni. Kif ngħad, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha taħt xi liġi oħra u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[22]. Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[23]. M'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għemil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[24]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attur kellu rimedju tajjeb u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet ta xi liġi oħra kif isemmu l-imħarrkin u jekk naqasx bla raġuni tajba li jinqeda bih;

---

[21] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[22] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[23] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorità tad-Djar et***
[24] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigné Development Co. Ltd. et***

Illi l-imħarrkin jirreferu għar-rimedju li jingħata taħt ir-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali (L.S. 363.03). L-imħarrkin jisħqu li l-ilment tal-attur messu tressaq quddiem il-Bord tal-Appelli kif provdut taħt ir-regolament 12 tar-Regolamenti. Ir-Regolamenti jagħtu lill-offerent li jħoss ruħu aggravat b'deċiżjoni tal-Kunsill wara sejħa għal offerti, il-jedd li jappella fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol quddiem il-Bord tal-Appelli. Min naħa l-oħra, fi kliem l-abbli avukat tar-rikorrenti, ir-rimedju li r-rikorrent qed jitlob quddiem il-Qorti ma jistax jingħata mill-Bord[25];

Illi mill-fatti jirriżulta li r-rikorrenti ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Kumitat tas-26 ta' Awwissu, 2008, quddiem il-Bord tal-Appelli f'Settembru ta' l-istess sena. L-ilment prinċipali tar-rikorrenti quddiem il-Bord kien li l-post tas-sejħa ngħata b'mod ħażin lil ħaddieħor li ma kienx jikkwalifika għalih meta hu kien joqgħod għall-kwalifiki kollha mitlubin fis-sejħa[26]. F'din il-kawża, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-ħatra tal-imħarrek Mifsud mill-Kumitat skond id-deċiżjoni meħuda f'Awwissu tal-2008, iżda wkoll tad-deċiżjoni li ttieħdet li, minkejja li kien għad hemm pendenti l-appell imressaq minnu quddiem il-Bord tal-Appelli marbut mal-istess sejħa ta' offerti, l-imħarrek Mifsud tqabbad jagħti s-servizzi ta' prosekutur fit-Tribunal fuq sejħat diretti minn xahar għal xahar. Fi kliem l-attur, dan sar bi ksur tar-regolament 83(1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, ma ssibx li l-eċċezzjoni imressqa mill-imħarrkin għandha tintlaqa'. L-ilment tal-attur f'din il-kawża mhuwiex marbut biss mad-deċiżjoni tas-26 ta' Awwissu, 2008 (f'liema każ il-Bord kien ikun it-tribunal kompetenti li jisma' l-ilment u jagħti r-rimedju xieraq), iżda wkoll mal-aġir tal-Kumitat wara li l-istess deċiżjoni ġiet sospiża. Għal dan l-aġir, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 12 tar-Regolamenti ma jgħoddux. Għalhekk, għall-anqas f'dak li jirrigwarda l-ħatra effettiva li l-imħarrek Mifsud ingħata wara li tressaq l-appell, ir-rimedju mogħti fil-liġi imsemmija mill-imħarrkin eċċipjenti ma tiswiex u b'hekk joħroġ li kienet din l-azzjoni tiegħu tallum li setgħet tagħtih ir-rimedju li fittex;

Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti m'għandhiex titwaqqaf milli tkompli bis-smigħ tal-kawża, u l-eċċezzjoni preliminari msejsa fuq l-artikolu 469A(4) tal-Kapitilu 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ mhijiex mistħoqqa;

[25] Ara paġ. 124 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tal-Avukat Ivan Sammut f'paġ. 131 tal-proċess

Illi jmiss issa li tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari l-oħra li tgħid li l-attur naqas li jiftaħ din il-kawża wara ż-żmien mogħti lilu mil-liġi kif irid l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[27], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Għaldaqstant il-protest ġudizzjarju tat-18 ta' Novembru, 2009 ma seta' qatt jinterrompa ż-żmien li kien għaddej kontra l-attur biex jattakka l-għemil amministrattiv li ħassu mġarrab minnu. Fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal għemil amministrattiv li jkun sar lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi ('*ultra vires*'): ma jgħoddx fil-każ ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrativ issir taf b'dak l-għamil li jkun. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel[28];

Illi mill-fatti jirriżulta li l-imħarrek Mifsud intalab jagħti s-servizzi tiegħu f'xi żmien bejn Diċembru 2008 u Jannar 2009. Huwa għamel dan għal numru ta' xhur. L-imħarrek jgħid li din l-azzjoni nfetħet f'Diċembru, 2009, jiġifieri aktar minn sitt xhur wara li beda jagħti s-servizz tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li kull darba li l-Kumitat ta offerta diretta lill-imħarrek, iż-żmien ta' sitt xhur mitlub mil-liġi kien qed jiġi mġedded;

Illi mill-ftit provi mressqa, jidher ċar li l-attur kien jaf li l-Kumitat xorta waħda ta ħatra b'ordni diretta lill-imħarrek Mifsud u lil xi avukati oħrajn ukoll u dan sa minn meta din il-ħaġa bdiet issir[29]. Dan żgur li kien aktar minn sitt xhur qabel ma fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li s-sitwazzjoni amministrattiva li tat lok għal ftuħ ta' dawn il-proċeduri nħalqet sewwasew bl-għażla, deċiżjoni jew ħatra mogħtija

[27] Ara fost l-oħrajn P.A. **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Zammit vs Awtorità tal-Ippjanar*** (mhix ippubblikata); P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et*** (mhix appellata); App. Ċiv. **31.5.2002**, fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim'Ministru***; App. Ċiv **10.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turizmu et***; App. Ċiv. **10.05.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pietà***

[28] Art. 469A(3)
[29] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 133 – 4 tal-proċess

jew maħruġa mill-Kumitat f'Awwissu tal-2008 lill-imħarrek sabiex jagħti s-servizz tiegħu bħala prosekutur quddiem it-Tribunal. Dan ifisser li ż-żmien li r-rikorrent kellu biex jattakka l-imsemmi ħatra b'azzjoni speċjali taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 kien ilu li għalaq għadd ta' xhur qabel infetħet din il-kawża. Minbarra dan, safejn l-azzjoni attriċi trid tattakka l-għemil li bih il-Kumitat beda jaħtar lill-imħarrek Mifsud (u avukati oħrajn) b'ordni dirett, iż-żmien ta' sitt xhur ukoll laħaq skada qabel ma l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-avukat imħarrek u ssib li l-azzjoni attriċi waqget billi laħaq għalaq iż-żmien li fih kellha titressaq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** preliminari tal-Avukat imħarrek u **t-tielet eċċezzjoni** tal-Kunsilli mħarrka bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' it-tielet eċċezzjoni** tal-Avukat imħarrek u tiddikjara li l-azzjoni attriċi nbdiet wara ż-żmien mogħti mil-liġi lill-attur liema azzjoni hija għalhekk perenta;

**Tordna** li l-istess attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Ottubru, 2019**